MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Talba Numru. 668/2009

**Elmo Insurance Limited – C-3500**

**vs**

**Robert Ciantar (ID-316583M) f'ismu stess u Ciantar Construction Ltd (C-29342)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn intalab sabiex il-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet elef mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€3,224.83c) rapprezentanti ammont dovut fuq premium in konessjoni ma' diversi poloz u spejjez ohra kif jirrizulta mill-istatement anness u esebti a fol 3 tal-process.

Bl-ispejjes tal-prezenti procedura u kif ukoll tal-mandat kawtolatorju gia` pprezentat ma' dawn il-proceduri u bl-

imghax ta’ tmiena fil-mija (8%) rekorribbli mill-14 ta’ Novembru 2006 kontra il-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra li ghalkemm debitament notifikati l-konvenuti baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u lanqas ma dheru ghas-seduta tallum.

Semgha lix-xhud Joseph Mula jikkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub tal-kawza kien ghadu dovut peress illi baqghu ma saru l-ebda pagamenti fil-mori ta’ l-itess proceduri; liema xhud ikkonferma wkoll l-istatement esebita a fol 3 tal-process.

Gie nnotat illi meta regghet issejhet il-kawza hekk kif ghalqu l-provi s-socjeta` attrici, il-konvenuti regghu ma dherux;

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont mitlub fis-somma ta’ tliet elef mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€3,224.83c) bl-imghax legali rekorribbli mid-data ta’ kull invoice relattiva u bi spejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenuti solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------